MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Talba Numru. 470/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Romina Bonnici (K.I. 294876M)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' tlett mija u hames ewro u wiehed u ghoxrin ewro centezmi (€305.21) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq *client contract number* 1023244 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut fit-22 ta' Marzu, 2010 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------